# IL-MUŻIKA FIL-FESTA TA' SANTA KATARINA U SEHEM IL-BANDA BELAND FL-IMGĦODDI

mir-Rev. Kan. Joe Abela

**Il-Kant Gregorjan**

Is-sehem tal-kant u l-mużika fil-festi solenni tal-Knisja mhux xi ħaġa tal-lum. Ommna l-Knisja Mqaddsa, li minn dejjem kienet padruna ta' l-arti, ilha żżejjen il-festi tagħha bil-mużika għall-mijiet ta' snin. Biżżejjed insemmu lil **San Girgor il-Kbir**, il-Papa qaddis li m'ismu hi marbuta waħda mil-eqdem knejjes fil-parroċċa tagħna. Hu kien Kap tal-Knisja bejn is-snin 590 u 604, u jibqa' magħruf għar-riforma li kien wettaq fil-kant ekkleżjastiku, tant li sa żmenijietna il-kant liturġiku fil-knejjes għadu jissejjaħ għalih: **Kant Gregorjan**.

**Mużika fil-Parroċċa l-Qadima**

Aktar minn **300 sena ilu**, meta bħala knisja parrokkjali taż-Żejtun kienet għadha tintuża dik li aħna nsejħulha San Girgor, għalkemm minn dejjem kienet iddedikata lil **Santa Katarina**, kienu diġà jiċċelebraw b'mod solenni l-Festa ta' Santa Katarina. Reġistri tal-kontijiet li jinsabu fl-**Arkivju tal-Kurja**, il Furjana (1), jurina biċ-ċar l-ispejjeż li ż-Żwieten kienu jagħmlu biex jiffessteġġjaw lill-padruna tagħhom fix-xahar ta' **Novembru. Biżżejjed ngħid li diġà kellhom statwa li kienu jżejnu wkoll b'ornamenti tal-fidda.** Fir-reċerki li għamilt dwar il-Festa fl-Imgħoddi fiż-Żejtun, sibt ħafna riferenzi diretti għall-mużika. Iltqajt ukoll ma' diversi ismijiet ta' persuni li kkontribwew bit-talent mużikali taghhom biex ikabbru l-Festa. Hi ħasra iżda, li fil-bidu l-ismijiet tal-mużiċisti ma kienux jinagħtaw.

**Mużika fl-Ewwel Snin tal-Parroċċa l-Ġdida**

L-eqdem riferenza sibtha fis-sena **1688**, meta allura, il-**knisja parrokkjali kienet għadha San Girgor**. Tintuża l-kelma "**mantiċi**" li, nistqarr, ma nafx eżatt kienux xi speċi ta' mezz biex jonfħu l-orgni jew biex iqabbdu n-nar aħjar. Hu x'hinu, fl-**1727** ħallsu lill-**organista** u lil min **ġarr "l'organetto"** (2). Jidher li l-orgni ċkejken li kien jintuża għall-Festa kien jinkera. Għalkemm ismijiet ta' nies m'għandniex, madanakollu din ir-riferenza hi xhieda ċara li mil-ewwel snin tas-seklu XVIII, il-mużika diġà kellha sehem fil-



*Ritratt meħud fis-sena 1904 li juri kif kien oriġinarjament il-kor meta mbena. Innotaw illi fuq kull naħa ta' l-inkwadru tal-kor hemm żewġ statwi kbar, waħda ta' San Girgor u l-oħra ta' Santu Wistin u bejniethom żewġ anġli. L-istatwa ta' Santu Wistin dan l-aħħar tpoġġiet fiċ-ċimiterju l-ġdid wara illi ġiet restawrata. [Ġentilment misluf minn C. Baldacchino]*

Festa ta' Santa Katarina. Tliet snin wara, jiġifieri fl-**1730**, ħarġu somma ġmielha għal dan iż-żmien - **10 skudi u 5 tari - "per la musica nella festa di S. Caterina"**. Kienu għadhom kemm lestew il-bini tal-kappelluni u l-kor tal-knisja parrokkjali ġdida, u kienu qed jagħtu bidu għall-ornamenti artistiċi tal-kor. Sibt ukoll riferenza għall-ispiża li saret biex għamlu pranzu fl-**1731** għall-mużiċisti u l-predikaturi tal-Festa. Interessanti hi r-riferenza għall-vjolini, għaliex turina li barra l-orgni ċkejken, kienu jintużaw strumenti oħra (3). Ħaga li laqtitni f'dawn il-kontijiet bikrija tal-Festa tagħna hi, li mill-bidunett il-flus li kienu jonfqu fil-mużika dejjem kienet l-akbar spiża fil-Festa, ukoll meta l-mużika kienet għadha biss parti mill-festa nterna. Hekk, fl-**1731**, minkejja l-ispejjeż kbar li kellhom fl-opri artistiċi li kienu qegħdin jagħmlu, nefqu mhux anqas minn **12-il skud** għall-mużika tal-Festa.

## Importanza tal-Mużika fil-Festa

Il kont tal-mużika baqa' dejjem jikber minn sena għal oħra, hekk li fl-**1769** nefqu **23 skud**, u s-sena ta' wara aktar minn **30 skud. Tnax-il sena wara**, l-ispiża telgħet għal **33 skud**, li kienu jinkludu l-ħlas għall-Vespri ta' Lejlet il-Festa. Il-prokuratur niżżel fir-reġistru: **"ho fatto esito di scudi trentatre per la Mosicha (sic) fatta nella Festività di S. Caterina, cioè col Primo Vespero"** (4). Fl-**1790** l-ispiża tal-mużika ssuperat bil-bosta kull spiża oħra u telgħet għal **62 skud**! Dawn il-flus huma ndikazzjoni ċara ta' l-importanza li l-kappillani u l-prokuraturi kienu jagħtu lill-mużika fiċ-ċelebrazzjoi tal-Festa, biex din tkun aktar solenni u tixraq lill-parroċċa tagħna.

## Jibda s-Seklu XIX

Niġu issa għas-Seklu XIX, meta l-informazzjoni li għandna fl-Arkivju ssir aktar frekwenti u nteressanti, speċjalment għaliex jingħataw l-ismijiet. Hekk, l-għada tal-Festa, jiġifieri fis-**26 ta' Novembru, 1836**, il-prokuratur ħallas **60 skud** lill- **"Maestro di Cappella" Vincenzo Bugeja per la musica di S. Caterina"** (5). **Mro Vincenzo Bugeja (1806-1860)** kien laħaq **"Maestro di Cappella"** fiż-Żejtun wara missieru **Mro. Pietru Pawl Bugeja (1761-1828)**. Vincenzo kien ukoll inħatar **"Maestro di Cappella" tal-Katidral** flok il-mejjet missieru.

## Dun Franġisk Saverju Ellul, il-Mużiċista Minsi

Iżda mill-**1838** sal-**1847** il-mużika tal-Festa kienet taħt id-direzzjoni tas-saċerdot **Dun Francesco Saverio Ellul**, li wkoll jissejjaħ **"Maestro di Cappella"** (6). Barra minn hekk,



*29 ta' Novembru 1838: Riċevuta ta' ħlas mill-prokuratur tal-festa lil Dun Franġisk Saverju Ellul għal tlett servizzi ta' mużika fil-ġranet tal-festa. Il-ħlas kien ta' 70 skud. [Ark. Parr].*

il-ħlas għoli li rċieva kull sena għall-mużika fil-Festa (p.e. **fl-1843 ħalsuh 85 skud!**) juri ċar li kien hu li dderieġa l-mużika lejlet u nhar il-Festa. Manadnakolu jien qatt ma smajt lil ħadd isemmi lil dan is-saċerdot fil-qasam tal-mużika. Imma fl-1848 il-folja nqalbet. Filwaqt li **Maestro Paolo Nani (1814-1904)** beda jitħallas **90 skud għall-mużika ta' lejlet u nhar il-Festa**, it-Tridu kien esegwit mill-**organista Dun Franġisk Saverju Ellul**. U hekk baqa' għal numru ta' snin. Fl-**1859 Pawlu Nani** ġie mħallas aktar minn **112 il-skud: "M. Sign. Paolo Nani, Maestro di Cappella, per Primo Vespere, Messa e Seconda Vespere in musica di S. Caterina"**. Iżda l-akbar qabża fil-ħlas ta' P. Nani kienet bejn is-snin **1855** u **1856**, meta s-Surmast għollielhom il-kont minn **102 għal 112 il-skud**. **Pawlu Nani** dam jidderieġi l-mużika ta' lejlet u nhar il-Festa għal żgur mhux anqas minn **26 sena**, għaliex ismu jibqa' jidher minn tal-anqas sal-**1874**. Fl-**1870**, meta **Dun Franġisk Saverju Ellul, l-organista tat-Tridu**, irċieva **29 skud** bħala ħlas, **Pawlu Nani** rċieva mhux anqas minn **150 skud**. Fl-1873 l-organista tat-Tridu kien saċerdot ieħor: **Dun Mikiel Busuttil**. L-istess is-sena ta' wara. Wara

Pawlu, bħal **"Maestro di Cappella" taż-Żejtun** sar ibnu **Mro Antonio Nani (1842-1929)** (7), **li kien miżżewweġ liż-Żejtunija Carmela Mifsud** (8).

**"L-Orkestra taż-Żejtun"**
Sadattant iżda, il-mużika kienet diġà bdiet iżżejjen il-**Festa Esterna ta' Santa Katarina.** Snin qabel **l-1832, Gio. Batta Diacono** kien waqqaf l-**"Orkestra taż-Żejtun"** (9). Gio. Batta ġieb minn Milan il-mużiċista **Mro. Mle. Deferraris** biex jieħu ħsieb din l-orkestra. Dan is-Surmast Taljan ħadem ħafna biex iġib 'l quddiem l-orkestra fiż-Żejtun, u s-Sur Diacono kien jafhulu, għaliex barra li kien iħallsu, ukoll tah dar biex jgħammar fia bejn iż-Żejtun u Ħal-Għaxaq. Fl-**1861 "Il Signore Giovanni Diacono" tħallas 5 skudi "per supplemento della musica fatta nel Triduo di S. Caterina".** Iżda fl-**1862** il-prokuratur ħallas lill-organista **D. Francesco Ellul** per tre voci e contrabasso per gli tre giorni del Triduo".

**L-Ewwel Banda fiż-Żejtun**
Mill-Orkestra ta' Gio. Batta Diacono jidher li nħolqot **l-ewwel banda fiż-Żejtun** bit-tħabrik ta' **Orazio Diacono, iben Gio Batta. Hi ħaġa ċertissima li din il-banda kienet diġà teżisti fl-1860, għaliex il-prokuratur ta' Santa Katarina, fis-27 ta' Novembru, 1860, ħallas lil ċertu Angelo Galea "per supplemento della banda musicale"** (10). L-istess għamel is-sena ta' wara. **Hawn għandna l-aktar prova ċara li l-Festa ta' Barra fiż-Żejtun ilha tiġi mżejna minn banda għal żgur mhux anqas minn 133 sena!**



*Mro. Orazio Diacono, fundatur tal-Banda Beland, flimkien ma' martu Franċesca Saveria neè Darmanin u ż-żewġ uliedhom subien - Carlo maġemb ommu u Gio Batta (Tittu) fuq missieru.*

**Maestro Angelo Mifsud, detto 'Cirches'**
Kien fl-**1868** li **Mro. Angelo Mifsud** ħa taħt idejh din il-banda u kabbarha. (11) Il-banda kienet iddoqq **"nell'ora della processione nella piazza"**. Iżda naħseb li għal dik li hi mużika, l-aktar informazjoni mportanti hi n-nota li tgħid li fl-**1878 il-prokuratur ħallas 20 skud** lil **"Maestro Angelo Mifsud, detto Cirches, per il suono della Banda Musicale"** (12). **Feliċ Gauci** jitħallas **"per aver messo il palco della**



*Mro. Angelo Mifsud magħruf bħal Cirkes kien l-Assistent ta' Mro. Orazio Diacono. Fis-sena 1868 il-banda għaddiet f'idejn Mro. Mifsud u filwaqt illi baqgħet tieħu sehem fil-festa ta' Santa Katarina bdiet tieħu sehem fil-festi ta' pajjiżi oħra. Infatti fl-4 u fil-5 ta' Ġunju 1870 il-banda wettqet żewġ programmi fil-belt Valletta fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna ta' Liesse bi ħlas ta' 20 skud [R. Mifsud Bonnici, Ġrajja ta' Baned 1 Ktieb paġ. 46 f.]*

Banda". Ftit wara, "**Angelo Cirches**" jissejjah espressament "**Capo di Banda**" li daqqet lejlet u nhar il-Festa. **Fl-1879** il-Banda ħadet sehem ukoll fil- **Festa tal-Madonna tad-Duttrina**, li dak iż-żmien kienet issir b'ċerta solennità. Aħna ż-Żwieten għandna għalfejn inkunu grati lejn dawn it-**tliet pijunieri tal-mużika fiż-Żejtun: Gio batta Diacono, ibnu Orazio**, u **Angelo Mifsud**. Kien fl-**1897** li l-**Banda Beland** għaddiet f'idejn **Mro. Carlo Diacono**, bin Orazio. Carlo kien għad kellu biss 21 sena! Sadattant, għalkemm il-mużika tal-Festa Interna kienet għadha f'idejn **Mro. Paolo Nani, iż-żagħżugħ Carlo Diacono fl-1894** kien idderieġa l-mużika **tat-Tridu** u l-**Quddiesa tat-Te Deum.**



| | | | |
|---|---|---|---|
| Per Banda Musicale della Filarmonica Beland per l'anno 1894. 95-97-98 e 99 | 6 | 14 | 11 |
| Per N°3 Fuochi Artificiali Doc. [illegible] e 92 | 6 | 15 | " |
| Per pagro di polvere da sparo | 3 | 3 | 7 |
| Per trattamenti eseguiti in diverse festività come da Doc. 11-12-30-65-86 e 91 | 5 | 14 | 11½ |
| A Diverse [illegible] che presero parte in diverse festività | 11 | 13 | 6 |
| All'Organista per diversi servizi dallo stesso eseguiti in diverse feste Doc. 4.5.26.36.44.55 71 e 75 | 19 | 6 | 1 |
| Al Serviente della Chiesa per suo onorario ed altri durante quest'anno | 51 | 5 | 7½ |
| £ | 135 | 1 | 2½ |

*Silta mir-rendikont tal-ħruġ u dħul tal-knisja ta' Marsaxlokk bejn it-13 t'April 1894 u l-31 ta' Diċembru 1899. Din is-silta turi l-parteċipazzjoni tal-Banda Beland fil-festa ta' Marsaxlokk fis-snin1894/95, jiġifieri qabel ma Marsaxlokk sar parroċċa, u fis-snin 1897, 1898 u 1899. Il-ħlas għal dawn is-servizzi kien ta' £6.14s.11d. [Ritratt]. Il-Banda Beland kienet ukoll akkumpanjat l-istatwa tal-Madonna ta' Pompei fl-1931 meta din kienet ġiet indurata mill-ġdid.*

## Il-Banda Beland fil-Festa ta' Pompei

Ta' min iżid li l-**Banda Beland** kienet tieħu sehem ukoll fil-Festa tal-**Madonna ta' Pompei** li kienet isir f'**Marsaxlokk meta dan ir-raħal kien għadu parti mill-parroċċa taż-Żejtun, jiġifieri qabel l-1897**. Reġistru tad-Dħul u Ħruġ ta' M'Xlokk li jinsab fl-Arkivju taż-Żejtun juri li fl-**1894** kienet diġà issir din il-Fesa tal-Madonna. Fil-**Festa Esterna** kienet tieħu sehem "**la filarmonica Beland del Zeitun**" li għas-sitt snin **1894-1899** ġiet imħallsa s-somma ta' £6.14,5 (13).



*Il-parteċipazjoni tal-banda Beland fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira quddiem il-vara l-kbira imur lura għal ħafna snin, probabbilment għal aktar minn mitt sena. Fi żmien l-ewwel Arċipriet taż-Żejtun Dun Anton Psaila [1888–1897] ġara inċident kurjuż ħafna meta l-awtoritajiet riedu jneħħu l-banda minn quddiem il-vara l-kbira. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira hekk kif ħarġet il-vara l-kbira fil-bieb prinċipali, ir-reffiegħa niżżlu l-vara fl-art fuq iż-zuntier u ma riedux jimxu qabel ma terġa tidħol il-banda quddiem il-vara bħas-soltu. Għalxejn sewa l-intervent tas-Sindku Curmi u dak ta' l-Arċipriet Psaila. Fl-aħħar dawn ċedew u ħallew lil banda terġa' tieħu postha bħal qabel fejn għadha hemm sal-lum. Ritratt meħud fis-sena 1950 fi żmien is-Surmast Baldacchino - Ġentilment misluf minn C. Baldacchino.*

## Festi Ċentinarji fl-1920

Għaddew is-snin u waslet is-sena **1920**. Dik is-sena saru festi speċjali fiż-Żejtun biex ifakkru għeluq il-**200 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali**. Stampaw programmi apposta, fejn għadna nistgħu naqraw din in-nota: "**La musica sarà affidata al Maestro C.**



*Il-knisja Arċipretali u Arċimatriċi tagħna mżejna għall-festi ta' għeluq il-200 sena mill-konsagrazzjoni tagħha f'Novembru ta' l-1920. Ta' min wieħed jinnota illi t-tużell il-ġdid kien għadu ma sarx u kien jintuża dak li għadna nużaw illum matul is-sena, illi fin-nofs tal-kursija kienet tiddendel linfa kbira, filwaqt illi l-arzella tal-kor hija dik oriġinali bil-kwadretti ta' Zahra.*

**Diacono, il quale nel giorno della 25 inaugurerà la sua messa grande approvata dalla Sta. Sede.**

Is-seklu li għadda kienu nqalgħu ħafna kwistjonijiet dwar il-mużika li kienet qegħda tindaqq fil-knejjes Maltin. Il-**Konċilju ta' Trento (1545-1563)** kien ħareġ regolamenti dwar il-mużika li kellha tindaqq fil-knejjes, iżda mal-mixja tas-snin dawn ir-regolamenti kienu ntesew, u daħlet ħafna mużika aktar adattata għal teatru milli għal knisja. Iżda **fl-1904 il-Papa San Pija X** ħareġ **"motu proprio"** biex jirregola liema kwalità ta' mużika kella tindaqq fil-knejjes. Għalhekk il-**Quddiesa l-Kbira** li **Carlo Diacono** żanżan fl-**1920** kellha **l-approvazzjoni tas-santa Sede.** Fl-istess sena Diacono ġie maħtur uffiċjalment **"Maestro di Cappella" taż-Żejtun.**

**Sehem il-Banda Beland fil-1920**

Kif kien jixraq, il-Banda Beland ħadet sehem **aktar minn darba f'dawn il-festi ċentinarji.** Hekk naqraw fil-**programm** li fil-**21 ta' Novembru**, li allura kien l-Ewwel Jum tat-Tridu, **"La Filarmonica Beland eseguirà uno scelto programma"**, u nhar l-24 ta' Novembru, **"La Filarmonic Beland eseguirà di pezzi scelti musicali e un Inno con voci puerili composto per l'occasione dal Maestro Carlo Diacono".**

U hekk ngħalqu dan l-istudju tagħna b'dawn **iż-żewġ ismijiet flimkien: Banda Beland u Carlo Diacono. It-tnejn li huma kkontribwew bis-sħiħ għall-isvilupp tal-arti mużikali fiż-Żejtun. Minkejja li għaddew numru sewwa ta' snin għadna sal-lum aħna ż-Żwieten ingawdu l-frott tal-ħidma tagħhom.** Mingħajr

# FESTE CENTENARIE

*Ricorrendo quest'anno 'il secondo centenario 'della Benedizione della Chiesa Parrochiale Arcip. del Zeitun la festa di Santa Caterina sarà celebrata con maggior solennità.*

## PROGRAMMA

*FUNZIONI SACRE*

Sabato 20 Nov. alle 3.30 p.m.--Vespri Solenni.

Domenica 21 Nov. alle 5.45 a.m.—Arrivo di S. E. Revma. Mons. Portelli Vescovo di Selinonte, Vicario Generale.

6 a.m.—Messa letta con comunione generale che sarà celebrata da S. E. R. Mons. Portelli.

8 a.m.—Solenne traslazione della Sacra reliquia della Santa dall' antica Chiesa Parrochiale di Sta. Caterina volgo S. Gregorio all'attuale Chiesa Parrocchiale Arcipretale da S.'E R. per commemorare il trasferimento dell'antica parrochia alla nuova. Immediatamente dopo si canterà un Solenne «Te Deum».

9 a.m.—Messa Solenne, dopo il canto del Vangelo Mons. Prof. Michele Barbara reciterà un discorso d'occasione.

3 p m.—Vespri Solenni, Predica, Inno, Antifona, Benedizione Sacramentale.

N.B.—S.S. Benedetto XV ha benignamente concesso l'Indulgenza Plenaria e la Benedizione Apostolica pel giorno 21 Novembre 1920.

Lunedì 22 e Martedì 23 Nov. alle 6 a.m.—Messa Cantata. 4 p.m.—Predica Inno, Antifona, Benedizione Sacramentale.

Nei giorni del Triduo predicherà il M. R. D. Gius. Camilleri, parroco di C. Zabbar.

Mercoledì 24 Nov. alle 7 a.m.—Messa Solenne col canto del «Te Deum».

3 p.m.—Vespri a Musica e Benedizione Sacramentale.

Giovedì 25 Nov. alle ore 5 a,m.—Canto del Matutino e responsori la quale sarà eseguita dall'orchestra del Circolo Sta. Caterina diretta dal Mro. G. Cassar.

9 a.m.—Arrivo di S.E.R. Dom Maurus Caruana O.S.B., G.C.O.G., K.B.E.

9.15 a.m.—Solenne Pontificale da S.E. R. Dopo il Vangelo salirà il pergamo il M.R.D. Vinc. Azzopardi D.D, parroco di C. Curmi.

3 p.m.—Vespri a Musica, Processione, e Benedizione Sacramentale.

N.B.—La Musica sarà affidata al Maestro C. Diacono, il quale nel giorno del 25 inaugurerà la sua messa grande approvata dalla Sta. Sede.

*FESTE ESTERNE*

21 Nov.—Illuminazione, La Filarmonica «Beland» eseguirà uno scelto programma.

24 Nov.—Illuminazione generale, la Filarmonica «Beland» e «Queen's Own» della Senglea eseguiranno dei pezzi scelti musicali. La medesima «Beland» eseguirà un Inno con voci puerili ~~imposto~~ per l'occasione dal Maestro C. Diacono. 10.30 p.m. giuochi pirotecnici,

25 Nov.—3.30 La Filarmonica «Conte Ruggiero» del Rabato e «Queen's Own» della Senglea eseguiranno marcie e pezzi scelti. Illuminazione.

*Il-programm uffiċjali tal-festi ċentinarji f'egħluq il-200 sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja tagħna, kapolavur tal-Gafà, bejn l-20 u l-25 ta' Novembru, 1920. Il-Banda Beland kienet ħadet sehem ewlieni f'dawn il-festi. F'Settembru ta' l-istess sena, 1920 is-Soċjetà Beland kienet ġiet ikkonsagrata lill-Qalb Santissima ta' Ġesù mill-Arċisqof Don Mauro Caruana.*



ma trid ikollok tgħid f'qalbek, "X'qabża għamilna miż-żmien meta biex ikollhom ftit ta' mużika fil-Festa fil-Knisja kien ikollhom jikru daqxejn ta' orgni ċkejken!"

## RIFERENZI


(1) Arkivju Arċiveskovili Kurja Furjana, Conti Vol. 103, Dok. 8, f. 16, Vol. 193, Dok. 8, f. 17.
(2) AAKF, Conti Vol. 103, Dok. 14A, f. 44.
(3) Ibid. f. 22v.
(4) APZ, Lib. Esig. del. Lamp. del Ter. Zeitun, 1781-1785, f. 62.
(5) APZ Ven Lamp. princip. 1836, f. 61.
(6) Ibid.
(7) "Il-Mument", 4/10/1992.
(8) APZ Lib. Matr. XVII, f. 113.
(9) Robert Mifsud Bonnici, "Ġrajja tal-Baned f'Malta u Għawdex", p. 39.
(10) APZ Lib. C, Esito dei Legati appart. alla Ven. Lamp. d. żeitun, f. 250.
(11) Robet Mifsud Bonnici, p. 40.
(12) APZ Lib C, Exito di Legati, ibid., f. 355.
(13) APZ Ven Lamp. della Chiesa di Marsascirocco, sotto il titulo BVM del Rosario di Pompei, 1894-1897. Mhux impaġnat.



